**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI**
**MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum 26 ta' Frar, 2016**

**Il-PULIZIJA**
**(Spettur Priscilla Caruana Lee)**
**vs**
**Redeemer Gravina**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Redeemer Gravina ta' 16 –il sena bin Carmelo u Pauline nee' Ellul, imwieled Pieta' fit-18 ta' Jannar, 1999, residenti fil-fond numru 220, St Joseph House, Dawret Hal-Ghaxaq, Ghaxaq u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 33699M akkuzat talli fit-13 ta' Gunju 2015 ghall-habta tas-18:00hrs hdejn il-funtana ta' Tritoni, Floriana

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f' periklu car, ikkaguna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Floyd Galea u dan skond kif gie ccertifikat minn Dr J.P Tabone Med reg. 3051 mic-Centru tas-Sahha tal-Furjana;
2. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b' ghajjat u glied jew b' mod iehor;
3. U finalment talli kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu skond il-provvediment tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, b' sentenza moghtija lilu mill-Qorti ta' Malta datata nhar l-14 ta' Jannar, 2015

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 3 t' Awwissu, 2015 (esebit a fol. 4 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar it-18 ta' Dicembru, 2015 ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b' mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Rat il-Pre-sentencing Report inserit a fol. 34 et sequitur tal-atti processwali fejn il-Probation Officer irrakkomandat is-segwenti:-

> Ghalkemm huwa rikonoxxut il-fatt li r-reat li kkommetta Redeemer Gravina huwa meqjusa bhala gravi, l-Ufficjal tal-Probation temmen li jkun fl-ahjar interess tal-imputat li dan ikompli jkollu forma ta' supervizjoni sabiex ikun jista' jinghata direzzjoni rigward l-aspetti socjali, kif ukoll jigu ndirizzati l-problemi ta' imgieba, bil-ghan li dan l-agir ma jergax jirrepeti ruhu.
>
> Ghaldaqstant, qed jigi suggerit lil din l-Onorabbli Qorti li l-imputat jitqieghed taht Ordni ta' Probation u Servizz skont l-Artiklu 18 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.  Din it-tip ta' Ordni tkopri sew kemm l-elementi riabilitattivi, dawk ta' supervizjoni, filwaqt li tghid sabiex l-imputat jidhol fi struttura ta' xoghol filwaqt li jitghallem l-etika u hiliet marbuta mad-dinja tax-xoghol.

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat diversi fatturi u cioe' l-ammissjoni bikrija registrata mill-imputat, l-eta' tal-imputat li meta kkommetta r-reati li taghhom qed jinstab hati huwa kellu biss sittax (16) il-sena u l-fatt li huwa kien diga' tpogga taht Ordni ta' Probation meta kkommetta r-reati in dizamina u wara li qieset dan kollu taqbel mar-rakkomandazzjonijiet

maghmula mill-Probation Officer fil-Pre-Sentencing Report fis-sens li l-imputat ghandu jitpogga taht Ordni ta' Probation u Servizz fil-Komunita' taht l-Artikolu 18 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghaliex jidhrilha li jkun fl-ahjar interess kemm tal-imputat izda wkoll tas-socjeta' in generali li huwa jkompli jkun taht supervizjoni kontinwa sabiex jigi mejghun jirriabilita ruhu b' mod definittiv. Fil-fehma tal-Qorti piena karcerarja effettiva tenut kont ta' dawn ic-cirkostanzi kollha zgur mhux ser tghin lill-imputat sabiex jirriabilita' ruhu. Il-Qorti izda ser timponi bhala wahda mill-kundizzjonijiet tal-Ordni ta' Probation u Servizz fil-Komunita' li l-imputat ihallas lura lill-parti leza d-danni minnu sofferti.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 216, 338(dd) u 17 tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-Artikoli 7, 10 u 23 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u b' applikazzjoni tal-Artikoli 7, 11 u 18 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggi lill-imputat taht Ordni ta' Probation u Servizz fil-Komunita' ghall-perjodu ta' tliet (3) snin millum fejn huwa ghandu jaghmel sittin (60) siegha ta' servizz fil-Komunita u dan taht il-kundizzjonijiet indikati fl-anness digriet.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur Ghal Probation Services u Parole sabiex jinhatar il-Probation Officer idoneju ghall-hati.

**MAGISTRAT**